IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.6.2024
COM(2024) 244 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar id-delega ta' setgħat li jiġu adottati atti delegati kkonferita lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment u li jemenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2014/17/UE u r-Regolament (UE) Nru 596/2014

1. Introduzzjoni

Ir-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] ġie adottat fit-8 ta' Ġunju 2016. Ir-Regolament (UE) Nru 2016/1011 ġie emendat sussegwentement bir-Regolament (UE) 2019/2089 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2], bir-Regolament (UE) Nru 2019/2175 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3], bir-Regolament (UE) Nru 2021/168 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] u bir-Regolament (UE) Nru 2023/2869 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5].

Ir-Regolament (UE) 2016/1011 introduċa qafas komuni biex tiġi żgurata l-preċiżjoni u l-integrità tal-indiċi użati jew bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji, jew biex titkejjel il-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment fl-Unjoni.

Skont l-Artikolu 49(1) tar-Regolament (UE) 2016/1011, il-Kummissjoni ngħatat is-setgħa li tadotta atti delegati.

Fir-rigward tal-Artikoli 3(2), 13(2a), 19a(2), 19c(1), 20(6), 24(2), 27(2b), 33(7), 51(6) u 54(3) tar-Regolament (UE) 2016/1011, l-Artikolu 49(2) tar-Regolament (UE) 2016/1011 jipprevedi li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati għal perjodu ta' ħames snin, li tista' tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodu ulterjuri ta' durata identika dment li l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu. Inizjalment, il-perjodu ta' ħames snin dam mit-30 ta' Ġunju 2016 sat-30 ta' Ġunju 2021. Ir-Regolament (UE) 2019/2089 emenda l-Artikolu 49(2) sabiex l-għoti tas-setgħa attwalment jingħata mill-10 ta' Diċembru 2019 sal-10 ta' Diċembru 2024, u żied ir-rekwiżit li jitħejja rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa. Dan ir-rapport għandu l-għan li jissodisfa dak ir-rekwiżit.

---

[1] Ir-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment u li jemenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2014/17/UE u r-Regolament (UE) Nru 596/2014 (ĠU L 171, 29.6.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1011/oj–65).

[2] Ir-Regolament (UE) 2019/2089 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1011 fir-rigward ta' Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE, ta' Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi u ta' divulgazzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà għall-parametri referenzjarji (ĠU L 317, 9.12.2019, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/2089/oj).

[3] Ir-Regolament (UE) 2019/2175 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea); ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol); ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq); ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji; ir-Regolament (UE) 2016/1011 dwar l-indiċi użati bħala parametri referenzjarji fi strumenti finanzjarji u kuntratti finanzjarji jew dwar il-kejl tal-prestazzjoni ta' fondi ta' investiment; u r-Regolament (UE) 2015/847 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi (ĠU L 334, 27.12.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/2175/oj).

[4] Ir-Regolament (UE) 2021/168 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1011 fir-rigward tal-eżenzjoni ta' ċerti parametri referenzjarji tal-kambju spot ta' pajjiżi terzi u l-iffissar ta' sostituti għal ċerti parametri referenzjarji li jkunu se jitwaqqfu, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 49, 12.2.2021, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/168/oj).

[5] Ir-Regolament (UE) 2023/2869 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 li jemenda ċerti Regolamenti fir-rigward tal-istabbiliment u l-funzjonament tal-punt ta' aċċess uniku Ewropew (ĠU L, 2023/2869, 20.12.2023,ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2869/oj).

2. Bażi legali

L-Artikolu 49(2) tar-Regolament (UE) 2016/1011 jirrikjedi li l-Kummissjoni tħejji rapport fir-rigward tas-setgħat imsemmija f'dik id-dispożizzjoni qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin li għalih ikunu ngħataw.

3. Eżerċizzju tad-delega

3.1. Konsultazzjoni qabel l-adozzjoni

Skont l-Artikolu 49(4) tar-Regolament (UE) 2016/1011, matul it-tħejjija tal-atti delegati, il-Kummissjoni kkonsultat lill-Grupp ta' Esperti tal-Kumitat Ewropew tat-Titoli (EG ESC, Expert Group of the European Securities Committee). L-Istati Membri kollha ġew mistiedna jinnominaw esperti biex jieħdu sehem f'dawn il-konsultazzjonijiet; il-Parlament Ewropew ġie mistieden jipparteċipa wkoll.

Fit-tħejjija tal-verżjonijiet finali tal-atti delegati il-Kummissjoni qieset l-osservazzjonijiet ippreżentati f'dawk il-konsultazzjonijiet. Il-Kummissjoni infurmat ukoll regolarment lill-membri tal-EG ESC dwar il-progress li jkun sar fir-rigward tal-abbozzi tal-atti delegati.

Hekk kif l-atti delegati ġew adottati mill-Kummissjoni, dawn ġew innotifikati simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, u dan ta bidu għall-perjodu ta' oġġezzjoni msemmi fil-punt 3.2. hawn taħt.

3.2. Atti delegati adottati

Matul il-perjodu ta' rapportar, li huwa bejn l-10 ta' Diċembru 2019 u l-10 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni eżerċitat is-setgħat delegati tagħha billi adottat l-atti delegati msemmija fit-Tabella ta' hawn taħt. Qabel ma nħoloq ir-rekwiżit ta' rapportar, il-Kummissjoni kienet diġà adottat atti delegati skont l-Artikoli 3 (2), 20 (6) (a), 20 (6) (c) u 51 (6) tar-Regolament (UE) 2016/1011[6].

[6] Qabel il-perjodu ta' referenza attwali, il-Kummissjoni diġà kienet adottat 4 atti delegati dwar is-setgħat mogħtija skont l-Artikoli 3(2), 20(6)(a), 20(6)(c) u 51(6) tar-Regolament (UE) 2016/1011.

Att Delegat	**Setgħat**
Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1816[7]	l-Art. 13(2a)
Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1818[8]	Art. 19a(2) Art. 19c(1)
Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1817[9]	l-Art. 27(2b)

3.3. Oġġezzjoni għall-atti delegati

Skont l-Artikolu 49(6) u (6a) tar-Regolament (UE) 2016/1011, il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att delegat fi żmien tliet xhur mid-data tan-notifika, u jistgħu jiġu estiżi bi tliet ġimgħat, li jista' jiġi estiż għal tliet xhur oħra fuq l-inizjattiva jew tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal att delegat f'dak il-perjodu, dan ma jidħolx fis-seħħ. La l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma oġġezzjonaw għal ebda wieħed mill-atti delegati msemmija fit-Taqsima 3.2.

3.4. Ħtieġa għall-estensjoni tas-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati

Filwaqt li għadd ta' atti delegati ġew adottati f'dan il-punt, is-setgħat elenkati fit-tabella ta' hawn taħt għadhom ma ntużawx.

Atti Delegati	**Setgħat**
Att delegat biex isir rieżami tal-metodu ta' kalkolu użat sabiex jiġu ddeterminati l-limiti stabbiliti fl-Artikolu 20(1) fid-dawl tal-iżviluppi fis-suq, fil-prezzijiet u l-iżviluppi regolatorji, kif ukoll l-adegwatezza tal-klassifikazzjoni tal-parametri referenzjarji b'valur totali ta' strumenti finanzjarji, kuntratti finanzjarji jew fondi ta' investiment li jirreferuhom u li jkunu qrib il-limiti stabbiliti	l-Artikolu 20(6), il-punt (b)
Att delegat biex isir rieżami tal-metodu ta' kalkolu użat sabiex jiġi ddeterminat il-limitu stabbilit imsemmi fl-Artikolu 24(1), il-punt (a), fid-dawl tal-iżviluppi fis-suq, fil-prezzijiet u l-iżviluppi regolatorji, kif ukoll l-	Artikolu 24(2)

[7] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1816 tas-17 ta' Lulju 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ispjegazzjoni fid-dikjarazzjoni ta' parametru referenzjarju dwar kif il-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza huma riflessi f'kull parametru referenzjarju pprovdut u ppubblikat (ĠU L 406, 3.12.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/1816/oj).

[8] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1818 tas-17 ta' Lulju 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards minimi għall-Parametri Referenzjarji tat-Tranżizzjoni Klimatika tal-UE u l-Parametri Referenzjarji tal-UE allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi (ĠU L 406, 3.12.2020, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/1818/oj).

[9] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1817 tas-17 ta' Lulju 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/1011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kontenut minimu tal-ispjegazzjoni dwar kif il-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza huma riflessi fil-metodoloġija tal-parametru referenzjarju (ĠU L 406, 3.12.2020, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/1817/oj).

adegwatezza tal-klassifikazzjoni tal-parametri referenzjarji b'valur totali ta' strumenti finanzjarji, kuntratti finanzjarji jew fondi ta' investiment li jirreferuhom u li huma qrib il-limiti stabbiliti	
Att delegat dwar miżuri li jiddeterminaw il-kundizzjonijiet li taħthom l-awtoritajiet kompetenti rilevanti jistgħu jivvalutaw jekk hemmx raġuni oġġettiva għall-forniment ta' parametru referenzjarju jew familja ta' parametri referenzjarji f'pajjiż terz u l-approvazzjoni tagħhom għall-użu tagħhom fl-Unjoni.	Artikolu 33(7)
Att delegat biex il-perjodu ta' 42 xahar imsemmi fl-Artikolu 51(2) jiġi estiż b'24 xahar, jekk ir-rapport imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 54 jipprovdi evidenza li r-reġim ta' reġistrazzjoni tranżizzjonali skont l-Artikolu 51(2) ma jkunx ta' detriment għal kultura superviżorja komuni Ewropea u prattiki u approċċi superviżorji konsistenti fost l-awtoritajiet kompetenti.	Artikolu 54(3)

Ir-raġunijiet għaliex dawk l-atti delegati għadhom ma ġewx adottati jvarjaw.

- L-atti delegati li għandhom jiġu adottati skont is-setgħat stabbiliti fl-Artikolu 18a(3), l-Artikolu 30(2a), l-Artikolu 30(3a) u l-Artikolu 33(7) tar-Regolament (UE) 2016/1011 huma relatati mar-regoli dwar l-użu ta' parametri referenzjarji mhux tal-UE fl-Unjoni. Id-data tal-applikazzjoni ta' dak ir-reġim ġiet posposta diversi drabi, l-aktar waħda reċenti sal-31 ta' Diċembru 2025, peress li ħareġ biċ-ċar li r-restrizzjoni tal-aċċess għal parametri referenzjarji mhux tal-UE tkun ta' detriment għall-entitajiet taħt superviżjoni fl-UE li jużaw dawk il-parametri referenzjarji.[10] Peress li r-regoli dwar l-użu ta' parametri referenzjarji ta' pajjiżi terzi fl-UE għad iridu jiġu applikati b'mod obbligatorju, tqies li għadu kmieni wisq biex l-atti delegati jiġu adottati skont dawn is-setgħat.

- fir-rigward tal-atti delegati li għandhom jiġu adottati skont is-setgħat stabbiliti fl-Artikolu 20(6), il-punt (b), u l-Artikolu 24(2), fil-kuntatti regolari tagħha mal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq u mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, il-Kummissjoni ma ġiet mgħarrfa dwar ebda diffikultà prattika fl-applikazzjoni tal-limiti kwantitattivi ta' EUR 500 biljun u EUR 50 biljun li jiddelinjaw bejn parametri referenzjarji kritiċi, sinifikanti u mhux sinifikanti. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li ma kienx hemm bżonn li jsir rieżami tal-metodu ta' kalkolu biex jiġu ddeterminati d-diversi limiti kwantitattivi fir-Regolament (UE) 2016/1011 u ma adottatx atti delegati għal dak l-għan. Il-Kummissjoni tagħmel dan jekk iċ-ċirkostanzi jinbidlu.

[10] Ir-Regolament (UE) 2019/2089 ippospona d-dħul fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2022; Ir-Regolament (UE) 2021/168 ippospona d-dħul fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2024 u introduċa l-possibbiltà ta' posponiment ulterjuri permezz ta' att delegat tal-Kummissjoni. Fl-14 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni adottat Regolament Delegat (UE) 2023/2222 li jestendi l-perjodu tranżitorju stabbilit għall-parametri referenzjarji ta' pajjiżi terzi fl-Artikolu 51(5) tar-Regolament (UE) 2016/1011.

- l-att delegat li għandu jiġi adottat skont is-setgħa stabbilita fl-Artikolu 54(3) jikkonċerna l-estensjoni tal-perjodu ta' 42 xahar imsemmi fl-Artikolu 51(2) bi 24 xahar fir-rigward tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/1011 għall-amministraturi tal-parametri referenzjarji stabbiliti fl-Unjoni qabel l-2020. Peress li ma aġixxietx fuq din is-setgħa, il-perjodu tranżitorju li kien jippermetti li jiġi estiż issa skada, u b'hekk is-setgħa ma baqgħetx valida.

Fl-aħħar nett, filwaqt li tinnota li l-Kummissjoni pproponiet li temenda l-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2016/1011[11], u li l-Parlament Ewropew sussegwentement ippropona emendi għall-Artikolu 33[12], bħalissa mhuwiex ċert jekk is-setgħat mogħtija f'dawk l-artikoli humiex se jiġu emendati fir-regolament rivedut[13].

4. Konklużjoni

Minħabba l-ispjegazzjoni mogħtija fit-Taqsima 3, il-Kummissjoni tqis li hemm ħtieġa ċara għal estensjoni taċita tad-delega tas-setgħa prevista fl-Artikolu 49(2) tar-Regolament (UE) 2016/1011 għal perjodu ta' ħames snin.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jieħdu nota ta' dan ir-rapport.

[11] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1011 fir-rigward tal-ambitu tar-regoli għall-parametri referenzjarji, l-użu fl-Unjoni ta' parametri referenzjarji pprovduti minn amministratur li jinsab f'pajjiż terz, u ċerti rekwiżiti ta' rapportar, COM(2023) 660 final.

[12] Rapport dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1011 fir-rigward tal-ambitu tar-regoli għall-parametri referenzjarji, l-użu fl-Unjoni ta' parametri referenzjarji pprovduti minn amministratur li jinsab f'pajjiż terz, u ċerti rekwiżiti ta' rapportar, A9-0076/2024.

[13] In-negozjati interistituzzjonali mistennija jibdew fil-leġiżlatura l-ġdida wara l-elezzjonijiet tas-6–9 ta' Ġunju 2024.